

# In-Niċċa ta' San Filep fi Triq De Rohan

**Tagħrif mogħti minn Karmenu Farrugia**
**lil Philip Balzan**

Fit-toroq tagħna l-Maltin niltaqgħu ma' numru konsiderevoli ta' statwi u niċeċ li juru lil kulħadd il-karattru Nisrani tagħna. Ħafna mid-djar illum għandhom l-ismijiet partikulari tagħhom. Uħud minn dawn l-ismijiet juru ukoll id-devozzjoni tal-familja li tkun tgħix f'dik id-dar. Dawn l-ismijiet huma xi ħaġa riċenti, u ma għandhomx tradizzjoni ta' mijiet ta' snin. Barra minn hekk insibu wkoll ħafna niċeċ u statwi li niltaqgħu magħhom mal-faċċati ta' djar, palazzi, u anke fl-imsieraħ tal-ibliet u l-irħula tagħna.

F'Ħaż-Żebbuġ niltaqgħu ma' numru konsiderevoli ta' dawn id-devozzjonijiet fit-toroq, mal-faċċati ta' djar, u dan jinkludi l-ismijiet tad-djar li għandhom din il-karatteristika partikulari. L-aktar li ssib juru l-qima lejn Sidtna Ġesù Kristu[1], id-devozzjoni lejn il-Madonna[2], u lejn qaddisin[3] li minnhom hemm tlieta u erbgħin waħda. L-aktar żewġ qaddisin popolari huma San Filep u San Ġużepp. Hawn ħdax-il niċċa jew statwa ta' kull wieħed minnhom. Sitta oħra qegħdin juru lil Santu Rokku, qaddis li jidher li għandu rabta partikulari ma' Ħaż-Żebbuġ. Illum se nitkellmu fuq waħda minn dawn in-niċeċ.

## Dar il-Mulej

Meta wieħed jgħaddi minn dik il-parti ta' Triq De Rohan li tinsab bejn Triq Campis u Triq il-Kbira u joqrob lejn din tal-aħħar tolqtu niċċa żgħira fil-faċċata fuq il-bieb tad-dar nru 107 bl-isem "Dar il-Mulej". F'din id-dar joqgħod Karmenu Farrugia, raġel ta' 70 sena flimkien ma' oħtu li huma kburin ħafna b'din in-niċċa. Huma ġejjin minn familja akkanita għall-festa ta' San Filep – missierhom Ġamri magħruf bħala "il-Bibillu" kien wieħed mill-erba' vittmi fit-traġedja tal-kamra tan-nar ta' San Filep li ġrat fis-7 t'April 1955. Barra min-niċċa huma jgħożżu wkoll inkwadru kopja sewda u bajda tal-pittura ta' Lazzru Pisani li turi lil San Filep jiskonġra li l-oriġinal tagħha jinsab fil-knisja tal-Kalkara. Nistqarr li din kienet l-ewwel darba li rajt kopja ta' din il-pittura mhux bil-kulur f'inkwadru.



*Id-Dar nru 107 Triq De Rohan*

Kien dan Ġamri li ftit wara li mar joqgħod f'din id-dar, ħabta tal-1940, qabbad lill-mastrudaxxa Ġanni Bonello biex jaħdimlu qafas tal-injam skultrat li kien jagħtiha dehra ta' faċċata ta' knisja lil din in-niċċa.

L-istatwa ta' San Filep li hemm fiha kienet rigal mingħand Dun Luret Callus lil Ġamri. Mhux ta' b'xejn li din il-familja hija kburija b'din in-niċċa u tieħu kura tagħha. Hija ħasra li t-tiżjin tal-injam tmermer u spiċċa

bl-elementi u kellu jitneħħa xi ħamsin sena ilu. Illum din in-niċċa hija magħluqa fi ħġieġa ġo qafas tal-aluminju, mżejna b'żewġ bukketti fjuri u mdawwla b'tubi tad-dawl neon biex anke meta jidlam tibqa' tidher sewwa.



*In-Niċċa ta' San Filep*

**Referenzi**

[1] Dawn jinkludu seba' niċeċ, tnejn juru l-*Ecce Homo*, tnejn il-Qalb ta' Ġesù, waħda kull wieħed li juru lil Ġesù Redentur, Ġesù Salvatur u SS. Trinità u l-Erwieħ.

[2] 30 niċċa

[3] kollha qaddisin irgiel



*L-inkwadru kopja tal-pittura ta' Lazzru Pisani li tinsab fil-Kalkara*

